30




7 Korintu

17 L-Apokalissi (3)

23 It-Tluq u r-Ritorn tal-Glorja mit-Tempju ta' Ġerusalemm

30 Kif Issawwru l-Vanġeli?

36 Il-Ġeneru Lettararju tar-Raba' Evanġelju

43 Malta u l-Maltin fir-Reġistri tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa It-Tielet Parti




36

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## IL-KUSTODJU TAL-ART IMQADDSA FOSTNA

Nhar l-Erbgħa 8 ta' Mejju filgħodu wasal Malta Patri Francesco Patton, Kustodju tal-Art Imqaddsa, għal żjara uffiċjali. Hu ġie fuq stedina tal-Provinċjal u Kummissarju tal-Art Imqaddsa Patri Anthony Chircop. Din kienet l-ewwel darba li l-Kustodju ġie Malta. Fil-ġranet li dam f'Malta hu żar diversi siti storiċi, fosthom l-Imdina u r-Rabat, il-Konkattidral ta' San Ġwann, il-Palazz tal-Gran Mastri, u t-Tempji Neolitiċi ta' Ħaġar Qim u Mnajdra.

Il-Ħamis 9 ta' Mejju l-Kustodju għamel konferenza waqt laqgħa tal-Familja Franġiskana f'Malta, li saret fiċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni f'Birkirkara. Il-Kustodju tkellem dwar "Il Calvario, La Verna e noi nella ricorrenza degli 800 anni della stimmatizzazione di S. Francesco". Din kienet laqgħa li saret biex tikkomemora l-ġrajja tal-iStimmati ta' San Franġisk (Settembru 1224) fil-kuntest taċ-Ċentinarju Franġiskan 2023-2026.

Il-Ġimgħa 10 ta' Mejju filgħodu l-Kustodju ltaqa' ma' ġurnalisti għal intervisti. Filgħaxija hu ppresjieda Quddiesa solenni konċelebrata fil-knisja tal-Belt, li fiha attendew diversi benefatturi tal-Art Imqaddsa, Franġiskani reliġjużi u sekulari, u l-Kavallieri tal-Ordni Ekwestru tal-Qabar ta' Kristu. Fil-Quddiesa P. Patton tkellem dwar



*L-Isqfijiet fil-kunvent tal-Belt*

il-bżonn li nitolbu għall-paċi fl-Art Imqaddsa u li nkomplu nuru sostenn lill-komunità Kristjana billi mmorru pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa. Wara l-Quddiesa l-Kustodju mexxa mument ta' talb quddiem il-Kurċifiss Mirakoluż. Il-Kustodju kellu laqgħa privata mal-Arċisqof, in-Nunzju, u l-Isqfijiet l-oħrajn. Il-Kustodju wkoll ta d-dekorazzjoni tal-medalja "Grato Animo" lill-Professur Horatio C.R. Vella tax-xogħol ta' riċerka li hu jwettaq kull sena fl-Arkivju tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa f'Ġerusalemm. Ġew offruti diversi għotjiet ta' flus bħala għajnuna għall-Insara tal-Art Imqaddsa.

Il-Kustodju żar ukoll il-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa, li hu wieħed mill-eqdem fl-Ordni Franġiskan u li twaqqaf fl-1636 bħala ospizju għall-missjunarji. Il-Kustodju kien akkumpanjat minn P. Narcyz Klimas, l-Arkivista tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. It-tnejn li huma żaru wkoll l-Arkivju Provinċjali. Il-Kustodju ħalla Malta s-Sibt 11 ta' Mejju.

Iż-żjara tal-Kustodju kienet mimlija tifsir għal kull min għandu għal qalbu l-missjoni tal-Art Imqaddsa. Dan għaliex qatt qabel bħal dan il-mument il-komunità Kristjana li tgħix fl-Art Imqaddsa ma kellha bżonn tas-sostenn tal-insara mid-dinja kollha. Il-gwerra krudila li ħasdet tant ħajjiet innoċenti mis-7 ta' Ottubru 2023 sal-lum ma tidhirx li għandha tmiem. Il-Kustodju tkellem dwar din is-sitwazzjoni politika b'toni rikonċiljattivi. Hu wera li mhux żmien li noqogħdu nixħtu l-ħtija u nikkundannaw naħa jew oħra, imma pjuttost li niftakru li hemm tbatija kbira fil-qlub ta' diversi

persuni li għaddew mit-trawma li jaraw lill-familjari tagħhom maqbudin ostaġġi jew inkella maqtulin b'mod brutali, jew bl-effett ta' bumbardamenti mill-ajru. Hu dan is-sentiment li għandu jkollna bħala insara li rridu nitolbu għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni f'sitwazzjoni li fiha hemm wisq mibegħda li issa qed toħroġ fil-beraħ.

Is-sens ta' solidarjetà li rridu nuru jinkludi wkoll il-kuraġġ li nibdew immorru nżuru l-Art Imqaddsa mill-ġdid bħala pellegrini. Għalkemm hemm bosta diffikultajiet u ċertament jista' jkun hemm perċentwal ta' riskju, imma fil-fatt il-postijiet fejn hemm is-Santwarji huma kollha kwieti u wieħed jista' jmur trankwillament biex jitlob fihom. Tabilħaqq mhux ta' min imur l-Art Imqaddsa jekk hu anzjan u fraġli waqt din is-sitwazzjoni, imma persuni f'saħħithom ma għandhom l-ebda diffikultà biex jivvjaġġaw. Il-preżenza tal-pellegrini hi ta' kuraġġ u tama għall-familji nsara fl-Art Imqaddsa, li jaqilgħu l-għajxien tagħhom proprju fl-impiegi li għandhom fl-istituzzjonijiet tal-Kustodja li jilqgħu fihom il-pellegrini, bħalma huma l-Case Nove ta' Nażaret, Betleħem u Ġerusalemm.

Waqt il-Quddiesa fil-knisja Ta' Ġieżu fil-Belt il-Kustodju tkellem ukoll dwar il-ferħ tiegħu li jiġi Malta, li hu jqisha bħala parti mill-Art Imqaddsa, billi hawnhekk ukoll hu post imqaddes bil-preżenza tal-Appostlu tal-ġnus San Pawl. Hu tkellem dwar il-fatt li f'Malta aħna l-insara jeħtieġ li ma nitilfux il-kuraġġ u l-entużjażmu biex nagħtu xhieda tal-



fidi tagħna, anke jekk ngħixu f'kultura sekolarizzata li saħansitra warrbet ħafna valuri Kristjani. Hu semma l-problema tan-nuqqas ta' vokazzjonijiet u wera li dan ma għandux iwassalna biex naqtgħu qalbna mill-futur, għax il-Knisja tikber u tissaħħaħ meta tinfetaħ għal sfidi ġodda.

Patri Francesco Patton twieled fit-23 ta' Diċembru 1963 f'Vigo Meano, qrib Trento, fl-Italja ta' fuq. Hu daħal fl-Ordni tal-Patrijiet Minuri fis-7 ta' Settembru 1983 u ġie ordnat saċerdot fis-26 ta' Mejju 1989. Studja Xjenzi Soċjali fl-Università Pontificia Salesiana f'Ruma, fejn akkwista dottorat fl-1993.

Fost l-impenji tiegħu P. Patton kien Segretarju tal-Kapitlu Ġenerali tal-Ordni Franġiskan. Bejn l-2008 u l-2016 kien Ministru Provinċjal tal-Provinċja ta' San Vigilio ta' Trento, u President tal-Konferenza tal-Ministri Provinċjali tal-Italja u l-Albanija. Għallem ukoll fl-iStudio Teologico Accademico Tridentino.

Fl-20 ta' Mejju 2016 is-Santa Sede ħatret lil P. Francesco Patton bħala Patri Kustodju tal-Art Imqaddsa, u suċċessur ta' Patri Pierbattista Pizzaballa, li llum hu Kardinal u Patrijarka ta' Ġerusalemm tal-Latini. P. Patton reġa' ġie kkonfermat fir-rwol tiegħu bħala Kustodju fid-29 ta' April 2022.

Il-Kustodju hu s-superjur tal-Missjoni Franġiskana tal-Art Imqaddsa. Hu jġib it-titlu ta' Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon, billi l-Kustodju kien dejjem il-Gwardjan tal-kunvent taċ-Ċenaklu, imwaqqaf fl-1333, u fejn ġiet imwaqqfa wkoll il-Kustodja tal-Art Imqaddsa mill-Papa Klement VI nhar il-21 ta' Novembru 1342 bil-Bulli Pontifiċji *Gratias agimus* u *Nuper carissimae*. Minn dak iż-żmien il-Kustodja tal-Art Imqaddsa tferrxet mal-lvant nofsani kollu, u llum hi preżenti fil-pajjiżi ta' Israel u Palestina (fejn hemm il-maġġoranza tas-Santwarji) u fl-Eġittu, il-Ġordanja, is-Sirja, il-Libanu, Ċipru u Rodi. Fil-Kustodja jaħdmu madwar 300 patri Franġiskan li huma ġejjin minn madwar 50 nazzjon differenti. B'hekk il-Kustodja tal-Art Imqaddsa hi tabilħaqq missjoni internazzjonali.